



13.1.2011

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0613/2007 minn Robert Houlston (Ingliż), b'5 firem, dwar l-ostakli għad-dritt taċ-ċittadini tal-UE biex jivvutaw u joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet tal-kunsill lokali u dawk Ewropej fi Spanja**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, membru ta' partit politiku li jirrappreżenta ċittadini Ewropej minn Stati Membri oħra li joqogħdu fi Spanja, jallega li d-drittijiet elettorali ta' eluf ta' ċittadini ta' l-UE nkisru serjament fl-elezzjonijiet lokali l-aktar riċenti li saru fi Spanja. Partikularment, huwa jikkritika l-ommissjonijiet u n-nuqqasijiet ta' l-awtoritajiet municiġpali ta' Orihuela fil-provinċja ta' Alicante rigward il-formalitajiet preliminari meħtieġa sabiex ir-residenti mhux Spanjoli jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw (il-kosta ta' Orihuela għandha popolazzjoni ta' 20,000 li minnhom 60% huma Ingliżi). Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni li l-biċċa l-kbira ta' dawk li għandhom id-dritt li jivvutaw huma penzjonanti li wħud minnhom għandhom problemi ta' saħħa u, barra minn hekk, ma jatkellmux il-lingwa Spanjola, huwa jikkritika l-irregolaritajiet li saru mill-awtoritajiet municiġpali u dawk postali fit-tqassim tan-notifiki fid-djar dwar l-intenzjoni biex wieħed jivvota. 75% tan-notifiki qatt ma waslu għand dawk konċernati, jew għax intilfu jew għax intbagħtu fl-indirizz ħażin. Din is-sitwazzjoni kaotika, li hija wkoll sintomu tal-bini żejjed fiż-żona konċernata, hija kawża tan-nuqqas ta' monitoraġġ xieraq mill-uffiċċju elettorali lokali li, skond il-firmatarji, naqas milli jipprovidi l-għajnuna meħtieġa lil dawk intitolati li jivvutaw u li marru personalment biex jirreġistraw fir-reġistru elettorali. Jidher li l-votanti ffaċċjaw ukoll problemi lingwistiċi u loġistiċi li żammewhom, b'mod inġust, milli jressqu appell. Bħala riżultat, anqas minn 10% ta' dawk intitolati li jivvutaw bħala residenti ċittadini ta' l-UE ġew irreġistrati fuq ir-reġistru elettorali municiġpali, li kien ifisser li terz tal-popolazzjoni lokali ma kinetx rappreżentata b'mod xieraq fil-kunsill lokali li għadu kif ġie elett. Il-petizzjonanti jixtiequ li tittieħed azzjoni mill-Unjoni Ewropea sabiex jitneħħew l-ostakli burokratiċi li jiddiskriminaw kontra ċittadini ta' Stati Membri oħra li jfittxu li jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom skond il-liġi Komunitarja.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-5 ta' Novembru 2007. Intalbet informazzjoni mingħand il-Kummissjoni taħt Regola 192(4).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fi 10 Ġunju 2008.

Il-petizzjonanti jilmentaw li l-awtoritajiet elettorali tal-Muniċipalità ta' Orihuela (Spanja) kisru d-drittijiet elettorali mogħtija fl-Artikolu 19.(1) tat-Trattat tal-UE liċ-ċittadini ta' l-UE li joqogħdu fi Stat Membru li mhumiex ċittadini tiegħu.

Skond il-petizzjonanti persentaġġ għoli ħafna ta' l-applikazzjonijiet tal-vot għal dawk il-votanti tal-komunità impustati mill-muniċipalità qabel l-elezzjonijiet lokali ta' Mejju 2007 ma waslux għand id-destinatarij. Madwar 12,300 minn total ta' 16,000 formola ta' l-applikazzjoni li ntbaġħtu reġġu lura bla ma tqassmu minħabba indirizzi żżiena li l-muniċipalità użat fil-korrispondenza tagħha. Minħabba r-rata għolja ta' falliment fit-tqassim, l-awtoritajiet iddeċidew li jibagħtu l-formoli ta' l-applikazzjonijiet għat-tieni darba.

Il-petizzjonanti jallegaw li r-rata għolja ta' falliment fit-tqassim hi dovuta għall-immaniġġjar ħażin ta' l-indirizzi uffiċjali f'Orihuela. Skond huma, hemm diskrepanzi kbar bejn l-ismijiet ta' urbanizzazzjoni użati uffiċjalment u dawk attwali li l-uffiċji postali jistgħu jirrikonoxxu.

Il-petizzjonanti jammettu li r-reġistrazzjoni biex jivvutaw għall-elezzjonijiet muniċipali mhix possibbli biss bil-posta, i.e. li jerġġu jibagħtu lura lill-awtoritajiet il-formola ta' l-applikazzjoni mimlija. Ir-reġistrazzjoni għall-votazzjoni hija possibbli ukoll billi jmorru personalment fl-uffiċini kompetenti u jimlew l-applikazzjoni.

Artikolu 19.(1) tat-Trattat ta' l-KE jistipula li ċittadin ta' l-Unjoni li joqgħod fi Stat Membru fejn hu/hi mhux jew mhijiex ċittadin/a tiegħu jkollu/jkollha d-dritt li jivvota/tivvota u li joħroġ/toħroġ bħala kandidat/a fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn hu/hi joqgħod/toqgħod, skond l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

Id-Direttiva 94/80 filwaqt li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet tistipula fl-Artikolu tagħha 7.1 li l-votanti għandhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn joqogħdu jekk huma jkunu wrew ix-xewqa li jagħmlu dan.

Id-direttiva ma tispeċifikax il-proċedura amministrattiva għar-reġistrazzjoni tal-votanti tal-Komunità u lanqas għall-metodu li juża ċ-ċittadin ta' l-UE biex jesprimi/tesprimi ix-xewqat tiegħu/ tagħha biex jeżerċita/teżerċita l-vot tiegħu/tagħha. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu r-regoli speċifiċi li għandhom japplikaw.

F'dan il-każ, jidher li hemm żewġ metodi għall-espressjoni tax-xewqa li wieħed jivvota. L-ewwel – il-possibilità mogħtija liċ-ċittadini ta' l-UE biex jitolbu personalment ir-reġistrazzjoni biex jivvutaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn joqogħdu – hija proċedura li l-aktar tintuża fl-Istati Membri kollha. Jekk din il-proċedura qed taħdem b'mod effettiv u l-kundizzjonijiet huma l-istess bħal dawk imposti fuq il-votanti nazzjonali, tista' tiġi kkunsidrata bħala implimentazzjoni korretta tad-drittijiet elettorali mogħtija liċ-ċittadini ta' l-UE bit-Trattat ta' l-KE. It-tieni metodu huwa billi jimpustaw il-formoli ta' l-applikazzjoni. M'hemmx obligazzjoni min-naħa tad-direttiva li l-Istati Membri għandhom

jibagħtu ittri personali liċ-ċittadini konċernati għal dan il-għan.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-formoli ta' l-applikazzjoni impustati mill-Muniċipalit  ta' Orihuea ma waslux fil-każijiet kollha għand il-votanti tal-Komunit  li lilhom kienu indirizzati ma jikkostitwixxix fih innifsu xi ostaklu għad-dritt tal-vot meta jkun hemm id-disponibilit  ta' metodu alternattiv.

Wara li g ie eżaminat il-każ kif preżentat mill-petizzjonanti, il-Kummissjoni ma identifikatx xi ksur tal-liġi Komunitarja in kwistjoni mill-Muniċipalit  ta' Orihuea.

Rigward il-kwistjoni aktar ġenerali tal-provvediment ta' informazzjoni liċ-ċittadini ta' l-UE li joqogħdu fi Spanja dwar id-drittijiet elettorali tagħhom, fir-rapport tagħha tat-30/5/2002 dwar l-elezzjonijiet municipali¹ u fir-rapport tat-12/12/2006 dwar l-elezzjonijiet tal-2004 tal-PE² il-Kummissjoni sabet li barra ittri individwali l-awtoritajiet Spanjoli għamlu kampanji fuq it-TV u fuq ir-radju, qassmu *brochures*, u għamlu siti ta' l-Internet biex kulħadd isir jaf b'dawn id-drittijiet elettorali.

Rigward l-elezzjonijiet muniċipali ta' l-2007, il-Ministru tal-Intern Spanjol mexxa kampanja li kienet tikkonsisti f'avviżi pubbliċi fuq it-TV u fuq ir-radju biex jinforma liċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-dritt tagħhom biex jipparteċipaw f'dawn l-elezzjonijiet u fil-ħolqien ta' numru tat-telefown apposta minn fejn setgħet tingħata aktar informazzjoni. Barra minn hekk, il-websajt Ingliża ta' l-Uffiċju taċ-Ċensiment Elettorali ta informazzjoni dettaljata dwar il-modalitajiet ta' l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

Rapporti li għad trid tagħmel il-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn id-Direttivi se jkomplu jimmonitorjaw kif l-Istati Membri jipprovdu infomazzjoni effettiva dwar dawn il-kwistjonijiet.

4. Tweġiba oħra tal-Kummissjoni, li waslet fit-13 ta' Jannar 2011.

B'segwitu għall-komunikazzjoni preċedenti tagħha, il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li l-aħħar rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/80 (il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali organizzati fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom) g ie adottat fl-2002 u jista' jinsab f'dan l-indirizz:

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52002DC0260:EN:NOT>

Ir-rapport li jmiss dwar l-istess kwistjoni huwa ppjanat għall-2011

Fir-rigward tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-elezzjonijiet Ewropej, ir-rapport riċenti dwar l-elezzjonijiet Ewropej adottati fis-27 ta' Ottubru 2010 flimkien mar-rapport 2010 dwar iċ-ċittadinanza, jevalwa l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet u jidentifika l-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet.

Dawn ir-rapporti jinsabu fl-indirizz li g ej:

http://eur-lex.europa.eu/Result.do?T1=V5&T2=2010&T3=603&RechType=RECH_naturel&Submit=S

¹ KUMM/2002/260

² KUMM/2006/790

earch